

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Raivo Teeäär huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 427, 26.11.2018.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġeneral ta' Marzu 2020 – Bonnafous vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-646/18) (<sup>1</sup>)

*("Aċċess għal dokumenti – Regolament (KE) Nru 1049/2001 – Rapport ta' verifikasi tar-riżorsi umani tal-EACEA – Rifjut ta' aċċess – Eċċeazzjoni dwar il-protezzjoni tal-ġhanijiet tal-attivitajiet ta' spezzjoni, ta' investigazzjoni u ta' verifikasi")*

(2020/C 175/20)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: Laurence Bonnafous (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: A. Blot u S. Rodrigues, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: C. Ehrbar u K. Herrmann, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2018) 6753 finali, tad-9 ta' Ottubru 2018, li tirrifjuta li tilqa' t-talba ta' aċċess għar-rapport finali tal-awditi tal-2018 tar-riżorsi umani tal-Āgenzija Eżekuttiva għall-“Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura” (EACEA), tal-21 ta' Jannar 2018, imressqa mir-rikorrenti.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Laurence Bonnafous hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 25, 21.1.2019.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġeneral ta' Marzu 2020 – Alcar Aktiebolag vs EUIPO – Alcar Holding (alcar.se)**

(Kawża T-77/19) (<sup>1</sup>)

*("Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta' oppożizzjoni – Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea alcar.se – Trade mark verbali preċedenti tal-Unjoni Ewropea ALCAR – Raġuni relativa għal rifjut – Probabbiltà ta' konfużjoni – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001")*

(2020/C 175/21)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Alcar Aktiebolag (Bromma, l-Isvezja) (rappreżentant: M. Ateva, avukat)